**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 336/2018/2 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**RC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC, datat 29 ta' Marzu, 2019 a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li texisti bejn il-partijiet.*

2. *Illi l-Artikolu 55 jistipula li:*

   *55.(1) il-qorti tista, f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda, fuq talba ta;' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu that amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin.*

   *(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ghandha tinghata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella minghajr ma jkun hemm ebda htiega ta' permess tal-qorti ghal dan.*

3. *Illi fl-ewwel dehra ta' din il-kawza, ossia nhar il-11 ta' Frar 2019, din l-*

*Onorabbli Qorti semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament u fis-succint spjegaw li ma ghandhom ebda assi notevoli bhal karozzi jew poloz tal-assigurazzjoni fuq il-hajja, li l-unika proprjeta' immobbli li kellhom diga' nbieghet u effettivament kull parti ghandha kont bankarju li fih tigi depozitata l-paga jew l-ftit flus li kull parti faddlet.*

4. *Illi effettivament il-mertu ta' din il-kawza huwa fuq l-arrangamenti ta' kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri tal-partijiet.*

5. *Illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-esponenti huwa tal-fehma li l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti spicca ghal kollox u mhux ser jinholoq pregudizzju ghall-partijiet, wisq anqas "pregudizzju mhux proporzjonat" kif kontemplat mis-subinciz (3) tal-Artikolu 55. Il-partijiet ilhom diga jghixu separatament b'mod de facto ghal numru ta' snin u ghalhekk huwa fl-ahjar interess taghhom li jkunu jistghu jamministraw l-affarijiet taghhom minghajr l-involviment tal-parti l-ohra, apparti li jigi evitat ir-riskju li parti wahda ddahhal lill-parti l-ohra f'djun minghajr l-gharfien tieghu jew taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AC, datata 10 ta' April 2019, a fol 6A, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti giet notifikata bit-talba tar-rikorrenti RC ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;*

2. *Illi l-esponenti mhux qed topponi ghat-talba ta' l-istess rikorrenti ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

3. *Illi madanakollu u b'referenza ghar-raba klawsola tar-rikors ta' RC, l-esponenti ma taqbilx ghal kollox ma' dak li inghad u cioe li 'il-mertu ta' din il-kawza huwa fuq l-arrangamenti ta' kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri tal-partijiet' u dan stante li kif jixhed kemm ir-rikors Guramentat ta' RC kif ukoll il-kontro Talba ta' l-esponenti, il-partijiet qieghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-Partijiet.*

4. *Illi in oltre, l-esponenti ma ghandhix tahti ghall-ispejjez tar-rikors odjern galadarba t-talba ghat-terminazzjoni intalbet mir-rikorrenti u ser tinghata sentenza separata mill-kumplament tat-talbiet tal-partijiet.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti maghmula mill-attur ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawżata' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwutaħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Ir-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti***

> ***għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui nega.***"

Il-Qorti rat illi fir-risposta taghha l-konvenuta m'oggezzjonatx ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kif mitlub mill-attur, lanqas ma jidher illi l-intimata ser tbaghti pregudizzju sporporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tqis ghalhekk illi t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**